# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' Jannar, 2000 .

**Citazzjoni numru : 215/1999 G1 (PC)**

**HSBC Bank Malta plc .**

**VS**

**Mary Parnis .**

**Il-Qorti :**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ippremettiet :**

**Illi l-Bank huwa kreditur tal-konvenuta fis-somma ta' elf mija u tmienja u erbghin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (LM1,148.25) rapprezentanti import ta' diversi kambjali mahruga minn Galea General Services Limited u girati favur il-bank u li jinsabu skaduti kull xahar bejn il-hmistax (15) ta' Mejju, elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u s-sbatax (17) ta' Ottubru elf disa' mija u disgha u disghin (1999) ;**

**Illi l-hrug ta' dawn il-kambjali ghall-ammont fuq indikat gew debitament accettati mill-konvenuta ;**

**Illi minkejja li l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont, hija baqghet inadempjenti ;**

**Illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu, u dovut kif jirrizulta mill-istess kambjali li kopja taghhom qeghda tigi annessa u markati minn MS 1 sa MS 9 ;**

**Illi skond l-ahjar fehma u twemmin tal-Bank l-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi xi tressaq sabiex tikkontesta t-talba attrici ghal hlas ta' dan il-kreditu ;**

**Talbet lil konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tiddecidi t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-KOPC kap . 12 ;**
2. **Tiddikjara lil Bank kreditur taghha fis-somma ta' elf mija u tmienja u erbghin lira maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (LM1,148.25), bl-imghaxijiet mid-data tal-iskadenza tal-kambjali relattivi sad-data tal-pagament effettiv .**

**Bl-ispejjez, inkluzi tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment mac-citazzjoni, u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa debitament imharrka .**
**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Carmel Camilleri .**
**Rat ukoll l-affidavit tal-istess Socjeta' attrici kkonfermat ukoll bil-gurament ta' l-istess Carmel Camilleri .**
**Rat id-dokumenti kollha annessi mac-citazzjoni, u cioe' kopja fotostatika tac-certifikati tal-kambjali imsemmija fic-citazzjoni .**

**Rat ukoll ir-riferta pozittiva tal-konvenuta kemm b'din ic-citazzjoni fid-data tat-tlieta ta' Dicembru, 1999; kif ukoll bl-appuntament tas-smiegh tal-kawza fit-22 ta' Dicembru, 1999 ;**

**Il-konvenuta Mary Parnis imsejha tlett darbiet naqset li tattendi ghas-smiegh ta' din il-kawza .**

**Il-Qorti, wara li semghet lil Charles Azzopardi, ghan-nom tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghadu kollu dovut mill-konvenuta . Il-Qorti, ghal hekk, u billi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tilqa' l-istess talbiet attrici, tiddikjara lil Bank kreditur tal-konvenuta, fis-somma ta' elf, mija, tmienja u erbghin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (LM1,148.25) ; tikkundanna lil konvenuta Mary Parnis thallas lil Bank is-somma ta' elf mija tmienja u erbghin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (LM1,148.25), bl-imghaxijiet mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali relattivi sad-data tal-pagament effettiv .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment mac-citazzjoni, kollox kontra l-konvenuta .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
S21599Pc
522 words